

III

(Atti preparatorji)

IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

OPINJONI TAL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tas-6 ta' Ottubru 2011

dwar rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-ħatra ta' membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew

(CON/2011/77)

(2011/C 301/03)

Introduzzjoni u bażi legali

Fl-4 ta' Ottubru 2011, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irċieva talba mingħand il-President tal-Kunsill Ewropew għal opinjoni dwar ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2011 ⁽¹⁾ dwar il-ħatra ta' membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew.

Il-kompetenza tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE biex jagħti opinjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 283(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Osservazzjonijiet ġenerali

1. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, li ġiet ippreżentata lill-Kunsill Ewropew, u li fuqha qed jiġu kkonsultati l-Parlament Ewropew u l-Kunsill Governattiv tal-BĊE, tirrakkomanda illi Jörg Asmussen jinħatar bħala membru tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE għal mandat ta' tmien snin.
2. Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE huwa tal-opinjoni li l-kandidat propost huwa persuna ta' awtorità u ta' esperjenza professjonali rikonoxxuta fi kwistjonijiet monetarji jew bankarji kif mitlub mill-Artikolu 283(2) tat-Trattat.
3. Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE m'għandu l-ebda oġġezzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill biex jaħtar lil Jörg Asmussen bħala membru tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE.

Magħmul fi Frankfurt am Main, is-6 ta' Ottubru 2011.

Il-President tal-BĊE
Jean-Claude TRICHET

⁽¹⁾ Għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.